**KUNSILL LOKALI IR-RABAT (KLR)**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU SITTA U TMENMIN (86)**

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin
**It-Tlieta 2 ta' Ottubru 2018 fis-7.05 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **PREŻENTI:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi-Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

*** Is-Sindku Charles Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.
Il-laqgħa bdiet mingħajr is-Sur Ian Vassallo, is-Sur Stephen Borg u is-Sur Rudolph Grima.

**86.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

86.1.1 Ma kienx hemm ittri jew e-mails ta' apoloġija. Qari tal-ittri ta' apoloġija

*** Fis-7.12 pm daħlu għal-laqgħa is-Sur Stephen Borg u is-Sur Ian Vassallo

**86.02 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 85**

Il-minuti tas-seduta numru 85 ġew meħuda bħala moqrija u kienu approvati unanimament mingħajr ebda' emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv, wara li kienu proposti mis-Sindku u ssekondati minn Doris Coleiro.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 85

**86.03 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija.**

Il-minuti tas-seduta numri 48 tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr l-ebda' emenda wara li kienu proposti mis-Sindku u ssekondati minn Andrew Mallia.

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti numru 48 tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija.

*** Fis-7.15 pm daħal għal-laqgħa is-Sur Peter Paul Azzopardi.

**86.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Komunikazzjoni mis-Sindku

86.04.01 Is-Sindku ippropona sabiex jinstab post fejn il-Kunsill Lokali Ir-Rabat jagħmel l-ikla tal-Milied. Kien hemm qbil sabiex din tinżamm fid-Dine West, nhar it-12 ta' Diċembru, 2018.

86.04.02 Dwar il-proposta ta' kafeterija fi Triq Cosmanna Navarra skont il-PA5905/18, il-kunsillieri ma kellhomx oġġezzjoni li din issir u jekk hemm xi residenti li għandhom xi oġġezzjoni, dawn liberament jistgħu iwasslu l-punti tagħhom b'mod demokratiku lill-Awtorita' tal-Ippjanar.

86.04.03 Kien deċiż illi jsiru ħames lampi ġodda oħra fir-Rabat, skont il-lista ta' stennija, kif ippropona is-Sindku.

86.04.04 Is-Sindku qal illi ma jistax jattendi nhar id-9 ta' Ottubru 2018 bejn is-7.00 pm u s-7.30 pm meta se ssir viżita minn Michelle Muscat u l-Onor Silvio Parnis fuq is-Saqqajja fl-okkażjoni tal-mixhela b'kulur roża fil-kampanja nazzjonali ***Pink October.***

86.04.05 Is-Sindku semma' ix-xogħol ta' *resurfacing* propost għal Triq San Piju V. Is-Segretarju Eżekuttiv se jkollu d-data tal-bidu ta' dan ix-xogħol aktar tard din il-ġimgħa skont kif wiegħed il-Perit tal-kuntrattur permezz ta' telefonata.

**86.05** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

86.05.01 Is-Sur Ian Vassallo staqsa jekk kienx hemm xi *feedback* dwar il-proposta tal-infurzar fuq vetturi tqal li qed jgħaddu minn Triq George Borg Olivier. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma rċevejna xejn mill-awtoritajiet kompetenti.

**86.06** **Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

Skeda tal-pagamenti 284 u Wos 2 & 3

Kienet approvata b'mod unanimu l-iskeda tal-pagamenti numru 284 kif ukoll il-Works / Purchase Orders 2 & 3 wara li kienu proposti mis-Sindku u ssekondati mis-Sra Doris Coleiro.

**86.07** **Konsiderazzjoni u approvazzjoni tar-Rapport tas-*Selection Panel* – *Clerk Scale 15* (Avviż fuq it-*Times of Malta*)**

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tas-*Selection Panel*

Is-Sindku ppreżenta r-rapport tas-*Selection Panel* u l-Kunsill ikkunsidra r-rakkomandazjoni tiegħu. Fuq mozzjoni tas-Sindku, issekondata mil-Viċi Sindku, l-Kunsill unanimament qabel li għandu jaħtar lill-persuna indikata bħala Skrivan fi Skala 15. Se jsiru l-arranġamenti meħtieġa sabiex dan isir b'mod immedjat.

**86.08** **Konsiderazzjoni u approvazzjoni għat-talba tar-*Reduced Hours* mill-Uffiċjal Eżekuttiv**

Talba għal Reduced Hours mill-Uffiċjal Eżekuttiv

It-talba biex tibda' taħdem bir-*reduced hours* l-Uffiċjal Eżekuttiv indikat fit-talba kienet proposta mis-Sindku u issekondata mis-Sra Doris Coleiro u sabet l-approvazzjoni unanima tal-Kunsill.

**86.09** **Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Evaluation Board tal-Offerta Pubblika tal-qtugħ tal-ħaxix ħażin fiz-zona rurali.**

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-Bord tal-Offerta Pubblika

Is-Sindku ppreżenta r-rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni u l-Kunsill ikkunsidra r-rakkomandazjoni tiegħu. Fuq mozzjoni tas-Sindku, issekondata mil-Viċi Sindku, l-Kunsill unanimament qabel li l-offerta tingħata lill-kuntrattur indikat għax kienet l-irħas offerta u għax din laħqet il-kriterji kolha mitluba. Intant, se tinġibed l-attenzjoni illi l-kuntrattur irid jiknes wara l-qtugħ tal-ħaxix u jekk taqa' xi ġebla tas-sejjieħ minn fuq xi ħajt, dan irid itellagħha f'postha. Kien deċiż li s-Segretarju Eżekuttiv jibda' jgħaddi l-ispeċifikazzjonijiet ta' kull offerta pubblika li se jippubblika lill-kunsillieri tal-Kunsill Lokali tar-Rabat.

**86.10 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Evaluation Board tal-offerta pubblika tal-latrina pubblika tal-Baħrija.**

Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-Bord tal-Offerta Pubblika

Is-Sindku ppreżenta r-rapport tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni u l-Kunsill ikkunsidra r-rakkomandazjoni tiegħu. Fuq mozzjoni tas-Sindku, issekondata mis-Sur Nazju Cassar, il-Kunsill unanimament qabel li l-offerta tingħata lill-kuntrattur indikat, għax kienet l-irħas offerta u għax din laħqet il-kriterji kolha mitluba. Din kienet bil-BQPR. Intqal illi l-ħinijiet tal-ftuħ tal-latrina se jkunu 6 sigħat kull nhar ta' Ġimgħa, Sibt u Ħadd u Festi Pubbliċi.

**86.11 Talba għal trasferiment ta' *vacation leave* għas-sena 2019 tas-Segretarju Eżekuttiv**

Talba għal trasferiment tal-Vacation Leave

It-talba għat-trasferiment tal-*vacation leave* tas-Segretarju Eżekuttiv kienet rakkomandata mis-Sindku u ssekondata mis-Sur Ian Vassallo u sabet l-approvazzjoni unanima tal-kunsillieri. Din se tintbgħat lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

**86.12 Biex jinħatar il-membri tal-*Opening Staff u l-Evaluators* tal-offerta pubblika tal-*Professional Services of an Architect to the Rabat (Malta) Local Council* – Ref: RLC/T/0173/18**

Ħatra ta' Uffiċjali għall-Offerta Pubblika tal-Professional Services

L-*opening staff* tal-offerta se jkunu is-Sra Roberta Galea u is-Sra Fabienne Vassallo filwaqt li l-evalwaturi proposti se jkunu is-Sur Kenneth Brincat bħala ċermen u l-Perit Daniel Cordina, is-Sur Paul Bugeja u Dr Mark Fenech Vella bħala membri.

**86.13 Disposal ta' shredder, fan u desk lamp (Tneħħija minn fuq il-Fixed Asset Register)**

Tneħħija ta' affarijiet li m'għadhomx jaħdmu mill-FAR

Din il-proposta kienet issekondata mis-Sra Doris Coleiro u l-kunsillieri qablu unanimament illi dawn jinqatgħu minn fuq il-*Fixed Asset Register* u jintremew għaliex m'għadhomx jaħdmu.

**86.14 L-ingaġġ ta' Skrivan/a fi Skala 13**

Ingaġġ ta' Skrivan/a fi Skala 13

Is-*Selection Panel* intervista lil żewġ persuni u sarilhom *test* fuq il-*computer.* Waħda minn dawn il-persuni kellha *Diploma* u ma kellhiex kwalifiċi f'żewġ suġġettu f'livell avvanzat skont ir-rekwiżiti. Id-dipartiment tal-Gvern Lokali ma aċċettax illi d-*diploma* tissupera l-*A levels* u f'tenetattiv ieħor li sar biex il-permess tal-Jobsplus jinbidel u ningaġġaw persuna fi Skala 15, dawn qalulna illi mhux possibbli. Għalhekk se nipproċedu bl-ingaġġ ta' Skrivan Skala 13 u l-intervisti se jsiru għal darba oħra mis-Sindku u s-Sur Ian Vassallo.

**86.15 Attivita' għat-tfal fil-Milied** Attivita' tal-Milied

Il-Kunsill Lokali Ir-Rabat, iddeċieda illi tkun organizzata l-attivita' għat-tfal fil-Milied. Din se jieħdu ħsiebha l-kunsillier Ian Vassallo u l-eks impjegata Victoria Privitera peress li fl-uffiċċju qiegħdin *understaffed*. Dwar min qed jipprova jċempel fl-uffiċċju u mhux qed jaqbad magħna il-problema naqqset xi ftit peress li issa l-istaff m'għadux bin-nofs ta' nhari u kien hemm suġġeriment illi nwasslu l-messaġġ illi l-pubbliku għandu jċempel bl-ilmenti wara s-1.30pm, peress li issa qed niftħu sal-4.30pm.

**86.16 Prijoritajiet ta' tiswijiet ta' bankini fil-lokalita' tar-Rabat** Tiswijiet u manutenzjoni ta' bankini

Nazju Cassar informa lill-kunsillieri illi s'issa tlestew il-bankini ta' Ferris Street (viċin l-iskola) u kellna nerġgħu nirranġawha għax reġgħu ipparkjaw fuqha b'vetturi tqal u sfrundat, Pjazza Forok, Sta Katerina (fejn il-Verdala), tan-Nigra (fil-Baħrija), Triq il-Fidloqqom u għada l-kuntrattur se jibda parti minn Triq Santa Rita (quddiem il-Kappella ta' Qasgħa), kif ukoll *extensive patching* fejn kien hemm il-bring-in-site fi Triq Pierre Muscat viċin l-Iskola ta' Sant Agatha.

Charles Azzopardi semma' l-bżonn li ssir mill-ġdid il-bankina ta' Triq Santa Barbara.

Andrew Mallia semma' l-bżonn li jinbidlu l-bankini ta' Triq il-Kbira skont mozzjoni li kienet għaddiet madwar xi sena ilu u l-bżonn li jitwaħħlu l-kurduniet quddiem il-*mini market* viċin Triq l-Iskultura.

Peter Paul Azzopardi talab li issir it-tiswija fuq il-bankina f'Taċ-Ċagħaqi bejn il-parkeġġ u l-ground iż-żgħir.

**86.17 Ċirkulari 17/2016 – Nuqqas ta' attendenaza għal-laqgħat minn kunsillier** Nuqqas ta' attendenza ta' kunsillier

Dwar in-nuqqas ta' attendenza fil-laqgħat tal-kunsillier Paul Grech, is-SE talabu ċ-ċertifikati mediċi u meta tkellem miegħu dan qallu illi ma jistax isuq u s'issa dawn iċ-ċertifikati ma waslux. Is-Sindku qal illi jekk ma jippreżentax iċ-ċertifikat mediċi is-Sur Paul Grech mhux se jieħu l-*allowance* peress li din tinħadem fuq l-attendenza tiegħu.

**86.18 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** Tmiem il-laqgħa u d-data u l-ħin tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar il-30 ta' Ottubru 2018, fis-7.00pm u din is-seduta ntemmet fit-7.50pm.

| | **(IFFIRMATA)** | | **(IFFIRMATA)** |
|---|---|---|---|
| Magħmula minn | Anthony Bonello u approvati llum | 13/11/18 minn | Charles Azzopardi |
| | Segretarju Eżekuttiv | | Sindku |